



# Il-Fratellanza tad-Duluri: 50 sena mit-twaqqif tagħha

## *1959-2009*

Il-Fratellanza tad-Duluri twaqqfet b'digriet mogħti minn Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, nhar it-22 ta' Marzu 1959. Din hija l-aħħar fratellanza li twaqqfet fil-parroċċa.

### L-Istatwa ta' Marija Addolorata

Qabel ma twaqqfet il-Fratellanza tad-Duluri fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Minuti, ġiet ordnata x-xbieha tad-Duluri. Din l-istatwa saret fl-1953 għand l-istatwarju Għawdxi l-Kavallier Wistin Camilleri u ġiet sgraffjata u indurata għand id-ditta Coleiro tal-Belt Valletta. Il-Konti Bernardo Manduca ħallas għal din l-istatwa. Aktar tard lil din l-istatwa sarilha stellarju, sejf u sandli tal-fidda, xogħol tas-Sur Joseph Xuereb Archer. Fit-8 ta' April 1960 il-Kappillan Sciberras ħa ħsieb jixtri l-istandard tad-damask vjola, salib, żewġ anterni u surġentina.

Sa minn meta l-istatwa tlestiet bdiet toħroġ fil-purċissjoni tal-aħħar Ġimgħa tar-Randan. F'din il-purċissjoni jakkumpanjaw diversi nies mill-parroċċa, fosthom jimxu ħafjin wara l-istatwa.

Fis-16 ta' Settembru 1962 saret għall-ewwel darba l-festa solenni tal-Madonna tad-Duluri. Wara l-għasar bl-orkestra u l-paniġierku mill-Kanonku Luigi Cilia ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri.

### L-Artal tad-Duluri

L-artal li llum narawh iddedikat lil Marija Addolorata nsibuh dedikat qabel lill-Madonna tar-Ružarju, lil Santa Eliżabbetta kif ukoll lil San Ġwakkin.

Kien il-Kappillan il-Kanonku Dun Karm Sciberras li beda jaħseb kemm għat-twaqqif tal-fratellanza kif ukoll għall-artal iddedikat lil Marija Addolorata.

Bħala benefattur il-Kappillan Sciberras sab lill-Konti Bernardo Manduca. Il-kwadru tad-Duluri ġie ordnat għand il-pittur magħruf Emvin Cremona u ġie mbierek mill-Kappillan Dun Karm Sciberras nhar it-22 ta' Marzu 1959 fl-istess ġurnata tat-twaqqif tal-Fratellanza tad-Duluri.

Għall-festa titulari ta' Marija Annuzjata tal-1975 l-artal tad-Duluri kien juri dehra rikka u sabiħa peress li l-prospettiva tiegħu kienet għada kif ġiet stukkjata, miżbugħa u indurata. Ix-xogħol tal-induratura sar minn Manwel Farrugia tal-Imdina filwaqt li xogħlijiet oħra saru minn Valent Chetcuti. Il-benefattriċi li ħallset għall-ispejjeż fuq ix-xogħol tal-prospettiva kienet is-Sinjorina Carmela Micallef.



Referenzi
Ħal Balzan 1978 u 1980